# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 8618/2023/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Paul Caruana**

Illum 23 ta' Jannar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Paul Caruana**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 526071(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-16 ta' Jannar 2023 għal ħabta ta' 12:10hrs waqt li kien ġewwa Triq il-Qajjenza, B'Bugia:

1. ma obdiex l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PC 240 persuna nkarigata minn servizz pubbliku, jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd indaħal fi dmiru billi ma ħalliex lil PC 240

jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel;

2. naqas li jipproduċi Karta tal-Identita' li nħarġet lilu malli hekk ġie mitlub minn membru tal-Korp tal-Pulizija;

3. beżaq sustanza jew neħħa maħta mill-imnieħer jew ħalla jew iddepożita exkreta materjali tal-bniedem inkluż vomtu jew ħalla jew iddepożita xi exkreta materjali tal-annimali fuq jew għal fuq xi triq jew post pubbliku, baħar jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, u/jew dan id-depożitu jew tħollija ma kienx awtorizzat bil-liġi;

4. fil-portijiet, fi xtut il-baħar jew f'lok ieħor pubbliku, neża għarwien jew ma kienx liebes xieraq;

5. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC 240 persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi minn awtorita' kompetenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Lulju 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 96, 338(ee) u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 17(3) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-iSkeda 1, Partita 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tal-ħames (5) imputazzjoni, sabet lill-imputat ħati ta' l-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni u filwaqt li kkundannat lill-imputat għal ammenda fir-rigward ta' l-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni[1], ikkundannat lill-istess imputat għal multa fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni u dana fis-somma komplessiva ta' elf Euro (€1,000) li kellha titħallas f'perjodu ta' għaxar (10) xhur minn dakinhar li ngħatat is-sentenza b'rati

[1] "Tmienja u ħamsin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€58.23) kull waħda."

mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100) kull xahar bl-ewwel pagament kellu jithallas sa l-aħħar ta' Awissu 2024, liema multa, f'każ li ma titħallasx, kellha tiġi kkonvertita fi priġunerija skont il-liġi u dan mingħajr ebda bżonn ta' proċeduri ulterjuri. Barra minn dan, il-Qorti, sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' PC 240 JP Dalli kif ukoll sabiex jinżamm il-bon ordni, flimkien mal-piena obbligat lill-ħati b'obbligazzjoni ta' elf Euro (€1,000) favur PC 240 JP Dalli għal perjodu ta' tnax-il xahar mid-data tas-sentenza *ai termini* ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'Malta. Din l-ordni u obbligazzjoni ma kellhiex tidhol fis-seħħ kemm-il darba l-imputat ikollu l-ħtieġa li jirrikorri għall-għajnuna tal-imsemmi Pulizija. Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ċar l-obbligi tiegħu taħt is-sentenza minnha mogħtija u l-konsegwenzi jekk hu ma jonorax l-istess.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell u jogħġobha: 1. tibdel, tvarja u tirriforma s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Caruana** deċiża fit-12 ta' Lulju, 2024 billi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx ħati lill-appellant tal-ħames akkuża dedotta fil-konfront tiegħu, tħassarha, tirrevokaha u tannullaha fil-bqija, ssib lill-appellant mhux ħati tal-bqija ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u ħtija; 2. mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, fin-nuqqas, u ċioè f'każ li l-ewwel aggravju ta' dan l-appell ma jintlaqax, dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena u tinfliġġi piena aktar idonea u inqas ħarxa li tirrispekkja l-każ in eżami."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fis-16 ta' Diċembru 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-12 ta' Lulju 2024.

Illi l-fatti ta' dan il-każ iduru madwar l-imġieba tal-appellant fejn allegatament fis-16 ta' Jannar 2023 meta kien Birżebbuġa kellu bżonnijiet naturali fejn minflok espleta tali bżonnijiet f'xi latrina huwa mar ħdejn il-baħar u għamel il-bżonnijiet tiegħu hemm. F'dak il-mument inzerta kien għaddej PC 240 JP Dalli li raħ iwettaq tali azzjoni u sejjaħlu biex jinfurmah li dak li kien qed jagħmel ma kienx korrett. PC 240 Dalli talab mezz ta' identifikazzjoni lill-appellant iżda dan allegatament irrifjuta u pprova jaħrab minn fuq il-post. Dan l-aġir irriżulta f'insegwiment fejn saħansitra l-appellant allegatament ipprova jaħrab bil-vettura tiegħu iżda jidher li fl-aħħar ċeda u ta l-Karta tal-Identita' lill-Pulizija. Minn naħa tiegħu, fl-istqarrija rilaxxata minnu l-appellant allura imputat jiċħad li huwa kien għamel il-bżonnijiet naturali tiegħu.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-

Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[2]"

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li ma tressqux provi biżżejjed sabiex isostnu r-raba' (4) imputazzjoni. Jgħid li minn imkien ma jirriżulta li huwa neża għarwien jew li ma kienx liebes xieraq. Jargumenta li anke jekk il-verżjoni tal-Pulizija hija korretta, din ma tinkwadrax fil-kontravenzjoni stipulata fl-Artikolu 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fir-raba' (4) imputazzjoni l-appellant allura imputat ġie mixli li fix-xtut il-baħar, jew post pubbliku ieħor neża għarwien jew ma kienx liebes b'mod xieraq.

Illi għalkemm fl-istqarrija mogħtija mill-appellant fis-16 ta' Jannar 2023 (Dok. "WB 3" – *a fol.* 15 *et seq.*) l-appellant jiċħad din l-imputazzjoni, jirriżulta mill-filmat meħud minn *body cam* (Dok. "WB 4" - *a fol.* 18) li l-appellant għal iktar minn darba jgħid li qeda l-bżonnijiet naturali tiegħu. Minn dan isegwi li sabiex jaqdi

---

[2] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

l-bżonnijiet naturali tiegħu, l-appellant kellu jesponi fil-pubbliku l-parti ta' ġismu li kien qed juża sabiex jaqdi din il-funzjoni.

Illi stabbilit dan din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-15 ta' April 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Omissis** (Numru 373/2006) fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "Rat is-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) tat-28 ta' Marzu, 2008, (per G. Valenzia J.), li biha ddeċidiet li: *"l-aħħar parti tal-art. 338(q) tal-Kapitolu 9 għandha tiġi interpretata fid-dawk tal-ewwel parti tal-istess artikolu f' liema parti wieħed isib espressjoni ċara tal-elementi tal-kontravvenzjoni in kwistjoni. Fit-tieni parti l-uniku fatt li hemm huwa li persuna trid tkun liebsa xieraq. Issa li mara tkun għarwiena ħlief għall-qalziet (topless) mhux meqjus fis-soċjeta' Maltija bħala lbies xieraq kif inhi l-liġi llum u għalhekk ukoll li dan l-artikolu m'għandux jinqara 'in vacuo' iżda għandu jinqara w jiftiehem fil-kuntest ta' ordni pubblika riċenti f'Malta. Għalhekk fil-każ in eżami ma hemm ebda ksur tal-art. 7 tal-Konvenzjoni Ewropea w ordnat li l-atti jerġgħu jintbagħtu lill din il-Qorti.""*

Illi fil-kuntest soċjali odjern għalkemm hemm ċertu ammont ta' libertinaġġ fil-fehma ta' din il-Qorti li wieħed jesponi ġismu f'post pubbliku għadu mhux aċċettat mis-soċjeta' u għalhekk ma huwiex permess. Dan japplika wkoll meta wieħed jesponi l-parti intima tiegħu sabiex jaqdi l-bżonnijiet tiegħu. L-appellant seta' faċilment isib bar jew latrina u jitlob li jagħmel użu mill-faċilitajiet ta' tali post. Iżda huwa għażel li jespleta l-bżonnijiet tiegħu f'post pubbliku bil-konsegwenza li espona ġismu f'post pubbliku. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet ġustifikata meta waslet għal konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni bil-konsegwenza naturali li l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jilmenta li fit-tieni (2) imputazzjoni huwa ġie akkużat li naqas milli jipproduċi l-Karta

tal-Identita' meta ġie mitlub jagħmel hekk mill-uffiċjali tal-Pulizija. Jgħid li minkejja li ma ppreżentax tali Karta tal-Identita' mill-ewwel ipproduċiha ftit minuti wara minħabba li din kienet fil-vann u li għalhekk qabel it-terminu ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa impost mill-Artikolu 17(3) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fl-aggravju in eżami l-appellant jisħaq żewġ punti: l-ewwel punt jirrigwarda l-fatt li huwa pproduċa l-Karta tal-Identita' ftit wara li ġie mitlub u t-tieni punt jirrigwarda l-fatt li skont il-liġi huwa kellu erbgħa u għoxrin (24) siegħa sabiex jagħti dan id-dokument.

Illi din il-Qorti qrat bir-reqqa l-affidavits li hemm fl-atti proċesswali u rat ukoll bir-reqqa l-filmat li hemm fl-istess atti. L-appellant jisħaq li huwa ma tax il-Karta tal-Identita' biss minħabba l-fatt li din kienet fil-vettura. Għal kull buon fini jingħad li ġie kkonfermat minn PC 240 JP Dalli li fl-aħħar l-appellant forna l-Karta tal-Identita' in kwistjoni.

Illi jkun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 17(3) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Kull membru tal-korp tal-Pulizija jista' jeħtieġ lil kull persuna li lilha tkun inħareġ dokument tal-identità biex tipproduċi dak id-dokument malli tiġi hekk mitluba jew, jekk ma jkunx prattikabbli għal din il-persuna li tipproduċih malli tiġi hekk mitluba, għandha tipproduċih mhux iktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa wara t-talba."

Illi l-kwistjoni li trid tiġi determinata huwa jekk l-appellant irrifjutax li jagħti dan id-dokument minkejja li ġie debitament mitlub jew jekk fil-fatt huwa tax tali dokument bil-kwiet.

Illi l-verżjonijiet tal-appellant u ta' PC 240 JP Dalli huma diametrikalment opposti. Dak li jħasseb lil din il-Qorti huwa l-fatt

li PC 240 JP Dalli kellu jieħu l-pussess taċ-ċwievet tal-vettura tal-appellant. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan huwa sintomu li l-appellant verament ipprova jaħrab u li minħabba f'hekk, f'għajnejn ta' din il-Qorti, il-verżjoni mogħtija mill-appellant titlef mill-veraċita' tagħha. Tenut kont ta' dan din il-Qorti tikkunsidra li dan ma kienx każ li l-appellant ta l-Karta tal-Identita' tiegħu meta kien prattikabbli iżda dan huwa każ fejn l-appellant irrifjuta li jagħti tali dokument u kien biss wara li spiċċa daru mal-ħajt li għadda tali dokument lil PC 240 JP Dalli. In vista ta' dan din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni b'dan illi anke t-tieni aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jilmenta li ma messux instab ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni stante li sabiex jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni tali kontravenzjoni ma kellhiex tkun regolata minn dispożizzjoni oħra tal-liġi. Ikompli li r-reat in kwistjoni huwa fil-fatt regolat taħt Artiklu 17(3) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta u li għalhekk stante li l-allegat aġir minn naħa tiegħu jaqa' taħt dispożizzjoni oħra ma setax jinsab ħati taħt dan l-artikolu. Isemmi li anke l-Ewwel Qorti semmiet li l-aġir tiegħu seta' kien jaqa' taħt Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-9 ta' Lulju 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Tonna** (Numru 156/2009), fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "Illi dejjem ġie ritenut mill-Qrati li ordni leġittimu mogħti mill-Pulizija għandu dejjem jiġi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wieħed jirreklama dwar il-ġustizzja intrinska ta' dak l-ordni (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Austin Grech"** [6.10.1992]). Ġie ukoll ritenut li ordni jitqies li hu leġittimu għall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) tal-artikolu 338 tal-Kodiċi Kriminali, jekk ikun *prima facie*

> leġittimu, jiġifieri jkun *prima facie* regolari fil-kontenut tiegħu w fil-forma li fih jingħata. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze"** [25.6.1997]."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq appena ċitata, din il-Qorti hija tal-fehma li fl-imġieba tal-appellant ma kienx jiffigura biss rifjut li tingħata l-Karta tal-Identita' iżda kien hemm reżistenza lill-uffiċjal tal-Pulizija u tentattiv minn naħa tal-appellant li jaħrab minn fuq il-post tar-reat. Din hija kondotta li tmur kontra l-ordnijiet mogħtija mill-Pulizija. Għalkemm din il-kondotta ġejja mir-rifjut tal-appellant li jagħti d-dettalji tal-Karta tal-Identita' tiegħu, fiha innifisha tikkwalifika għal ksur tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant. Dwar dan din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-10 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Karen Busuttil** (Numru 70/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Tant hu hekk illi minħabba r-rifjut minn naħa tal-appellanti u s-sieħeb tagħha Kevin Attard li jikkoperaw mal-uffiċjal tal-pulizija mill-iskwadra ta' kontra l-Vizzji, kellhom jissejjħu l-pulizija mir-Rapid Intervention Unit sabiex dawn it-tnejn minn nies jiġu skortati lejn l-għassa tal-pulizija, fejn imbagħad l-appellanti reġgħet irrifjutat li tobdi l-ordni mogħtija mis-surġent 928 u bdiet tallega li dan kien fi stat ta' sokor.
>
> [....]
>
> Dan ifisser allura illi l-appellanti errat meta ddeċidiet tinjora l-ordni mogħtija mill-pulizija sabiex hija tgħaddhielhom id-dettalji personali tagħha u rreaġixxiet b'konfrontazzjoni mal-uffiċjali tal-pulizija li waqqfuha u aktar tard ġewwa l-għassa tal-pulizija. Jekk dehrliha li l-ordni mogħtija kienet waħda inġusta kellha kull dritt, kif fil-fatt għamlet, tipprotesta għal dak li fil-fehma tagħha kienet ordni inġusta u dan bil-mezzi kollha li tagħtiha l-liġi."

Illi applikat dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq kwotata għal każ in eżami (li din il-Qorti tagħmlu tagħha) jirriżulta li l-appellant għamel żball meta huwa rreżista l-ordnijiet leġittimi ta' PC 240 JP Dalli. Rigward ir-referenza għal Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu raġun l-Avukat Ġenerali meta fir-Risposta tiegħu jgħid li dak li riedet tgħid l-Ewwel Qorti b'din ir-riferenza huwa li l-kondotta tal-appellant, kieku kienet aktar gravi, setgħet tirriżulta f'reat taħt Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda sabiex jkun hemm tali reat ried ikun hemm theddid jew vjolenza liema elementi kienu neqsin f'dan il-każ.

Illi b'hekk isegwi li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni bil-konsegwenza li t-tielet aggravju ser jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi r-<u>raba' aggravju</u> tal-appellant jirrigwarda t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu. Huwa jiċħad li għamel il-bżonnijiet tiegħu fil-pubbliku fuq ix-xatt. Ikompli li huwa ferm stramb kif il-Pulizija ma semmiex liema bżonnijiet kien qed jespleta. Jisħaq li lanqas ġie ppreżentat xi ritratt u għalkemm kellu l-*body cam* mitfija, PC 240 JP Dalli dejjem seta' jieħu ritratt bil-*mobile* ċellulari. Isemmi wkoll inkonsistenza bejn meta fl-istqarrija huwa ġie mistoqsi jgħid kienx minnu li kien qiegħed jagħmel "*toilet* fil-baħar" mentri fl-affidavit il-Pulizija qal li rah fuq il-blat max-xatt, fl-imsemmija triq, jespleta l-bżonnijiet naturali tiegħu.

Illi frankament din il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa merament fieragħ. Biżżejjed wieħed jara l-ammissjoni tal-appellant li ġiet *recorded* fuq il-*body cam* tal-Pulizija l-oħra li intervjenew. Tenut kont ta' dan, l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni bil-konsegwenza li anke r-raba' aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-<u>ħames aggravju</u> tiegħu l-appellant jargumenta li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu hija waħda eżaġerata. L-appellant jilmenta li multa ta' elf Euro (€1,000) hija ferm għolja. Mingħajr preġudizzju għal fatt li jitlob li jiġi meħlus minn kull ħtija u piena jitlob li f'każ li dan ma jseħħx għandu jkun hemm temperament fil-piena.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tfakkar li fir-rwol tagħha hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena sa fejn tali piena taqa' fil-parametri tal-liġi. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Omar Yusuuf Hodan** (Numru 231/2009) fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "Illi dan l-appell tal-Avukat Ġenerali hu limitat għall-piena erogata ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin. Jiġi ribadut li din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx teżorbita mill-parametri tal-liġi jew ma tkunx manifestament waħda esaġerata. (Ara. **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u oħrajn). Illi kif kellha okkażjoni tgħid din il-Qorti, dan il-prinċipju japplika ugwalment kemm f'appelli li jsiru mill-persuna misjuba ħatja, kif ukoll f'appelli intavolati mill-Avukat Ġenerali."

Illi fir-rigward tal-multa ta' elf Euro (€1,000) li minnha jilmenta l-appellant, din il-Qorti tinnota li meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq u bit-tħaddim ta' Artikolu 11 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta l-multa erogata mill-Ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-liġi. Tenut kont tal-fatt li l-appellant naqas milli jobdi ordni leġittima tal-Pulizija u tenut kont ukoll li pprova jaħrab, din il-Qorti ma tarax li hemm lok għal temperament fil-piena. B'dan illi din il-Qorti trid twassal messaġġ ċar u ċioè li s-soċjeta' <u>għandha</u> tirrispetta l-korp tal-Pulizija u x-xogħol li jridu jwettqu. Minn naħa tagħhom, il-korp tal-Pulizija għandhom l-

obbligu li jagħmlu dak kollu possibbli sabiex iwettqu d-dmir tagħhom b'kuxjenza u rispett lejn is-soċjeta' li huwa fid-dmir tagħhom li jipproteġu. Stabbilit dan, din il-Qorti tikkunsidra li kondotta bħal dik tal-appellant mhijiex skużabbli taħt l-ebda ċirkostanza. Tenut kont ta' dan, anke l-ħames aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Paul Caruana u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu msemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata għandu jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**